

Brussell, 16 ta' April 2018
(OR. en)

7925/18

CYBER 62
COPS 90
JAI 310
COPEN 97
DROIPEN 50
RELEX 313

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 16 ta' April 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 7517/18

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi -
approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' April 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:**

L-UE tenfasizza l-importanza ta' ċiberspazju globali, miftuħ, ħieles, stabbli u sikur fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt japplikaw totalment għall-benessri soċjali, it-tkabbir ekonomiku, il-prosperità u l-integrità tas-soċjetajiet liberi u demokratiċi tagħna.

L-UE tfakkar fil-Konklużjonijiet tagħha dwar il-Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi^[1] li jikkontribwixxu [...] għall-prevenzjoni ta' kunflitt, il-kooperazzjoni u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju billi jistabbilixxu l-miżuri fi ħdan il-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, inkluż il-miżuri restrittivi, li jistgħu jintużaw għall-prevenzjoni u r-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi.

L-UE tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar il-kapaċità u r-rieda miżjuda tal-atturi ta' stati terzi u dawk mhux statali li jsegwu l-oġettivi tagħhom permezz ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u ser tkompli żżid il-kapaċitajiet tagħha biex tindirizza t-tħedd id ċibernetiku. L-UE tirrikonoxxi li n-natura interkonnessa u kumplessa ta' ċiberspazju teħtieġ sforzi konġunti mill-gvernijiet, is-settur privat, is-soċjetà ċivili, il-komunità teknika, l-utenti u l-akkademja biex jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċati u tappella lil dawn il-partijiet ikkonċernati biex jirrikonoxxu u jerfegħu r-responsabilitajiet speċifiċi tagħhom biex jinżamm ċiberspazju miftuħ, ħieles, sikur u stabbli.

L-UE tikkundanna bil-qawwa l-użu malizzjuż ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICTs), inkluż Wannacry u NotPetya, li ikkawżaw dannu u telf ekonomiku sinifikanti fl-UE u lil hinn minnha. Tali inċidenti qed jiddestabbilizzaw iċ-ċiberspazju kif ukoll id-dinja fiżika peress li dawn jistgħu faċilment jiġu interpretati b'mod żbaljat u jikkawżaw sensiela ta' avvenimenti. L-UE tenfasizza li l-użu tal-ICTs għal finijiet malizzjużi hu inaċċettabbli peress li jdgħajfeh l-istabbiltà u s-sigurtà tagħna u l-benefiċċji pprovduti mill-Internet u l-użu ta' ICTs.

[1] 9916/17.

L-UE ser tkompli tiddefendi bil-qawwa l-fatt li d-dritt internazzjonali eżistenti hu applikabbli għaċ-ċiberspazju u tenfasizza li r-rispett għad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Karta tan-NU hu essenzjali għaż-żamma tal-paċi u l-istabbiltà. L-UE tissottolinja li l-Istati m'għandhomx jużaw il-prokuri biex iwettqu atti internazzjoni skorretti bl-użu ta' ICTs, u għandhom jippruvaw jiżguraw li t-territorju tagħhom ma jintużax minn atturi mhux statali biex iwettqu tali atti kif espress fir-rapport tal-2015 tal-Gruppi ta' Esperti Governattivi tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Qasam tal-Informazzjoni u t-Telekomunikazzjoni fil-Kuntest tas-Sigurtà Internazzjonali (UNGGE).

L-UE tinsisti li l-konformità ma' normi volontarji u mhux vinkolanti ta' mgħiba responsabbli tal-istat fir-rigward taċ-ċiberspazju tikkontribwixxi għal ambjent tal-ICT miftuħ, sikur, stabbli, aċċessibbli u paċifiku. L-UE tenfasizza li l-Istati m'għandhomx iwettqu jew intenzjonalment jappoġġaw attivitajiet tal-ICT li jmorru kontra l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, u m'għandhomx intenzjonalment jippermettu li t-territorju tagħhom jintuża għal attivitajiet malizzjużi bl-użu tal-ICTs kif iddikjarat fir-rapport tal-2015 tal-UNGGE.

L-UE tesprimi r-rieda tagħha li tkompli taħdem fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tan-normi, regoli u prinċipji volontarji u mhux vinkolanti ta' mgħiba responsabbli tal-Istat fiċ-ċiberspazju kif artikolat fir-rapporti tal-2010, l-2013 u l-2015 tal-UNGGE rispettiv, fi ħdan in-NU u fora internazzjonali adatti oħra.